**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 3 TA' OTTUBRU, 2001**

*Avviz. Nru 774/01 AJD*

Standard Publications Limited

vs

JGS Furniture Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Awissu, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) rappresentanti bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici fi Frar, 2000.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitta u tmenin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm86.25) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-25 ta' Gunju, 2001, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR